# ATT FINALI

FA/TR/EU/HR/mt 1

FA/TR/EU/HR/mt 2

# I. TEST TAL-ATT FINALI

1. Il-Plenipotenzjarji ta':

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TAL-BELĠJANI,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLLIKA TAL-ESTONJA,

IL-PRESIDENT TAL-IRLANDA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TA' SPANJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLLIKA TAL-LATVJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLLIKA TAL-UNGERIJA,

IL-PRESIDENT TA' MALTA,

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IL-PRESIDENT FEDERALI TAR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IL-PRESIDENT TAR-RUMANIJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IL-GVERN TAR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

Miġbura fi Brussell, fid-disa jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax fl-okkażjoni tal-firma tat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika tal-Kroazja, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Irreġistraw il-fatt li t-testi li ġejjin ġew imfasslin u adottati fil-Konferenza bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea:

I. it-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika tal-Kroazja, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn issa u 'l quddiem "it-Trattat tal-Adeżjoni");

II. l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn issa u 'l quddiem "l-Att tal-Adeżjoni");

III. it-testi elenkati hawn taħt li huma annessi mal-Att tal-Adeżjoni:

A. Anness I: Lista ta' konvenzjonijiet u protokolli li r-Repubblika tal-Kroazja ser taderixxi magħhom mal-adeżjoni (imsemmija fl-Artikolu 3(4) tal-Att tal-Adeżjoni),

Anness II: Lista ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen kif integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea u l-atti li jibnu fuqu jew li huma b'xi mod ieħor relatati miegħu, li għandhom jorbtu lir-Repubblika tal-Kroazja u jkunu applikabbli fiha mill-adeżjoni (imsemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni),

Anness III: Lista msemmija fl-Artikolu 15 tal-Att ta' Adeżjoni: adattamenti għal atti adottati mill-istituzzjonijiet,

Anness IV: Lista msemmija fl-Artikolu 16 tal-Att ta' Adeżjoni: dispożizzjonijiet permanenti oħrajn,

Anness V: Lista msemmija fl-Artikolu 18 tal-Att ta' Adeżjoni: miżuri transitorji,

Anness VI: Żvilupp rurali (imsemmi fl-Artikolu 35(2) tal-Att tal-Adeżjoni),

Anness VII: Impenji speċifiċi meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja fin-negozjati tal-adeżjoni (imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tal-Att tal-Adeżjoni),

Anness VIII: Impenji meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja dwar ir-ristrutturar tal-industrija Kroata tal-bini ta' bastimenti (imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tal-Att tal-Adeżjoni),

Anness IX: Impenji meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja dwar ir-ristrutturar tas-settur tal-azzar (imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tal-Att tal-Adeżjoni);

B. Protokoll dwar ċerti arranġamenti dwar trasferiment possibbli ta' darba ta' Unitajiet ta' ammont assenjati maħruġa taħt il-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima lir-Repubblika tal-Kroazja, kif ukoll il-kumpens relatat;

C. it-testi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea tal-Enerġija Atomika, u t-Trattati li jemendawhom jew jissupplimentawhom, inkluż it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika, it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja, it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar- Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u t-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fil-lingwa Kroata.

2. Il-Partijiet Kontraenti Għolja laħqu qbil politiku dwar sett ta' adattamenti għal atti adottati mill-Istituzzjonijiet meħtieġ minħabba l-adeżjoni u jistiednu lill-Kunsill u l-Kummissjoni jadottaw dawn l-adattamenti qabel l-adeżjoni f'konformità mal-Artikolu 50 tal-Att tal-Adeżjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(4) tat-Trattat tal-Adeżjoni, kompletati u aġġornati fejn meħtieġ sabiex jittieħed kont tal-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

3. Il-Partijiet Kontraenti Għolja jimpenjaw ruħhom li jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lil xulxin l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Att tal-Adeżjoni. Fejn meħtieġ, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fi żmien suffiċjenti qabel id-data tal-adeżjoni sabiex tkun permessa l-applikazzjoni sħiħa tal-Att tal-Adeżjoni mid-data tal-adeżjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern. F'dan il-kuntest in-notifika bikrija skont l-Artikolu 47 tal-Att tal-Adeżjoni tal-miżuri adottati mir-Repubblika tal-Kroazja hi ta' importanza primarja. F'dan il-kuntest in-notifika bikrija skont l-Artikolu 47 tal-Att tal-Adeżjoni tal-miżuri adottati mir-Repubblika tal-Kroazja hi ta' importanza primarja.

   Sa dan il-jum tal-firma, il-Partijiet Kontraenti Għolja jkunu ġew provduti b'lista li tagħti l-obbligi ta' informazzjoni fil-qasam veterinarju.

4. Il-Plenipotenzjarji ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet li ġejjin li saru jew li ġew annessi ma' dan l-Att Finali:

   A. Dikjarazzjoni Konġunta mill-Istati Membri attwali

      Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen

   B. Dikjarazzjoni Konġunta minn diversi Stati Membri

      Dikjarazzjoni Konġunta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema: Kroazja

C. Dikjarazzjoni Konġunta mill-Istati Membri attwali u r-Repubblika tal-Kroazja

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

D. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja dwar l-arranġament transitorji għal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-art agrikola Kroata

5. Il-Plenipotenzjarji ħadu nota tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet u miżuri oħra li għandhom jittieħdu matul il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni u li huwa mehmuż ma' dan l-Att Finali.

# II. DIKJARAZZJONIJIET

## A. DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ISTATI MEMBRI ATTWALI

### Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen

Huwa mifhum li l-proċeduri maqbula għall-applikazzjoni sħiħa futura mill-Kroazja tad-dispożizzjonijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen - kif ser jiġu inklużi fit-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni ("l-att tal-adeżjoni tal-Kroazja") - huma mingħajr preġudizzju għal u m'għandhomx implikazzjonijiet għad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kunsill għall-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija għandha tittieħed abbażi tal-proċedura stabbilita f'dak ir-rigward fit-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni u f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar it-tlestija tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-Bulgarija u r-Rumanija biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen.

Il-proċeduri maqbula għall-applikazzjoni sħiħa futura mill-Kroazja tad-dispożizzjonijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen - kif ser jiġu inklużi fit-Trattat tal-adeżjoni tal-Kroazja - ma joħolqux obbligu legali fl-ebda kuntest minbarra f'dak tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

## B. DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN DIVERSI STATI MEMBRI ATTWALI

### Dikjarazzjoni Konġunta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema: Kroazja

Il-formulazzjoni tal-paragrafu 12 tal-miżuri transitorji dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema skont id-Direttiva 96/71/KE fl-Anness V, it-Taqsima 2, tal-Att tal-Adeżjoni hija mifhuma mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija bi qbil mal-Kummissjoni li tfisser li "ċerti reġjuni" jistgħu, fejn adegwat, jinkludu wkoll it-territorju nazzjonali kollu.

## C. DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ISTATI MEMBRI ATTWALI U R-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA

### Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Ir-Repubblika tal-Kroazja ser taderixxi għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp mid-dħul fis-seħħ tal-Qafas Finanzjarju ta' Kooperazzjoni Multiannwali l-ġdid wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni u ser tikkontribwixxi għalih mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena kalendarja wara d-data tal-adeżjoni tagħha.

## D. DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA

### Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja dwar l-arranġament transitorji għal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-art agrikola Kroata

Wara li kkunsidrat l-arranġament transitorju fir-rigward tal-akkwist ta' art agrikola fir-Repubblika tal-Kroazja minn persuni fiżiċi u ġuridiċi mill-UE/ŻEE, kif previst fl-Anness V tal-Att tal-Adeżjoni

Wara li kkunsidrat id-dispożizzjoni li tistipula li l-Kummissjoni, fuq talba tar-Repubblika tal-Kroazja, għandha tiddeċiedi dwar l-estenzjoni tal-perijodu transitorju ta' seba' snin bi tliet snin addizzjonali, dment li jkun hemm provi biżżejjed li, mal-iskadenza tal-perijodu transitorju ta' seba' snin, ikun hemm tfixkil serju jew theddida ta' tfixkil serju fis-suq tal-art agrikola tar-Repubblika tal-Kroazja,

Ir-Repubblika tal-Kroazja tiddikjara li, jekk tingħata l-estensjoni msemmija hawn fuq tal-perijodu transitorju, hija ser tagħmel ħilitha biex twettaq il-passi meħtieġa biex tilliberalizza l-akkwist tal-art agrikola fiż-żoni speċifikati qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' tliet snin stabbilit.

---

# III. SKAMBJU TA' ITTRI
# BEJN L-UNJONI EWROPEA
# U R-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA
# DWAR PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI U KONSULTAZZJONI
# GĦALL-ADOZZJONI TA' ĊERTI DEĊIŻJONIJIET U MIŻURI OĦRA
# LI GĦANDHOM JITTIEĦDU MATUL IL-PERIJODU TA' QABEL L-ADEŻJONI

Ittra Nru 1

Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għall-kwistjoni li tikkonċerna l-proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet u miżuri oħra li għandhom jittieħdu matul il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni ta' pajjiżek mal-Unjoni Ewropea li tqajmet fil-qafas tan-negozjati għall-adeżjoni.

Jiena b'dan nikkonferma li l-Unjoni Ewropea tista' taqbel ma' din il-proċedura, fit-termini stabbiliti fl-Anness għal din l-ittra, li tista' tiġi applikata fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja b'effett mid-data li fiha l-Konferenza dwar l-Adeżjoni tiddikjara li n-negozjati dwar l-adeżjoni ġew finalment konklużi.

Inkun grat jekk inti tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

**ANNESS**

Proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet u miżuri oħra li għandhom jittieħdu matul il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni

I.

1. Sabiex jiġi żgurat li r-Repubblika tal-Kroazja tinżamm infurmata b'mod adegwat, kull proposta, komunikazzjoni, rakkomandazzjoni jew inizjattiva li hija maħsuba biex twassal għall-adozzjoni ta' att legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill, jew il-Kunsill Ewropew għandha tiġi mgħarrfa lill-Kroazja wara li tintbagħat lill-Kunsill jew il-Kunsill Ewropew.

2. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fuq talba motivata mill-Kroazja, li fiha għandha tistipula espressament l-interessi tagħha bħala membru futur tal-Unjoni flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha.

3. Bħala regola ġenerali, deċiżjonijiet amministrattivi ma għandhomx jagħtu lok għal konsultazzjonijiet.

4. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi ħdan Kumitat Interim magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u mill-Kroazja. Ħlief għal oġġezzjoni motivata mill-Unjoni jew il-Kroazja, il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll fil-forma ta' skambju ta' messaġġi b'mezzi elettroniċi, partikolarment f'materji ta' politika estera u ta' sigurtà komuni.

5. Min-naħa tal-Unjoni, il-membri tal-Kumitat Interim għandhom ikunu l-membri tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jew persuni magħżula minnhom għal dan l-iskop. Fejn adatt, il-membri tal-Kumitat Interim jistgħu jkunu l-membri tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà. Il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata b'mod adegwat.

6. Il-Kumitat Interim għandu jkun mgħejun minn Segretarjat, li għandu jkun dak tal-Konferenza tal-Adeżjoni, li jitkompla għal dan l-iskop.

7. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru hekk kif il-ħidma preparatorja mwettqa fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-atti msemmijin fil-paragrafu 1 tkun ipproduċiet linji gwida komuni li jippermettu li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'mod utli.

8. Jekk wara konsultazzjonijiet jifdal xi diffikultajiet serji, il-kwistjoni tista' titqajjem f'livell ministerjali fuq talba tal-Kroazja.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

10. Il-proċedura stipulata fil-paragrafi ta' hawn fuq għandha tapplika wkoll għal kull deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kroazja li tista' taffettwa l-impenji li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħhom bħala membri futuri tal-Unjoni.

II.

11. L-Unjoni u l-Kroazja għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-adeżjoni ta’ din tal-aħħar għall-ftehimiet jew il-konvenzjonijiet u l-protokolli msemmija fl-Artikoli 3(4), 6(2) u 6(5) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att tal-Adeżjoni", tikkoinċidi safejn possibbli mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni.

12. Fir-rigward tan-negozjati mal-partijiet ko-kontraenti tal-protokolli msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, ir-rappreżentanti tal-Kroazja għandhom ikunu assoċjati mal-ħidma bħala osservaturi, maġenb ir-rappreżentanti tal-Istati Membri attwali.

13. Ċerti ftehimiet non-preferenzjali konklużi mill-Unjoni, li jibqgħu fis-seħħ wara d-data tal-adeżjoni, jistgħu jkunu soġġetti għal adattamenti jew aġġustamenti sabiex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni. Dawn l-adattamenti jew aġġustamenti ser ikunu nnegozjati mill-Unjoni f'assoċjazzjoni mar-rappreżentanti tal-Kroazja skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 12.

III.

14. L-istituzzjonijiet għandhom, eventwalment, ifasslu t-testi msemmija fl-Artikolu 52 tal-Att tal-Adeżjoni. Għal dak il-għan, il-Kroazja għandha tipprovdi lill-istituzzjonijiet bit-traduzzjonijiet ta' dawk it-testi fil-ħin.

Ittra Nru 2

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak li rċevejt l-ittra tiegħek li taqra kif ġej:

"Għandi l-unur nirreferi għall-kwistjoni li tikkonċerna l-proċedura ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet u miżuri oħra li għandhom jittieħdu matul il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni ta' pajjiżek mal-Unjoni Ewropea li tqajmet fil-qafas tan-negozjati għall-adeżjoni.

Jiena b'dan nikkonferma li l-Unjoni Ewropea tista' taqbel ma' din il-proċedura, fit-termini stabbiliti fl-Anness għal din l-ittra, li tista' tiġi applikata fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja b'effett mid-data li fiha l-Konferenza dwar l-Adeżjoni tiddikjara li n-negozjati dwar l-adeżjoni ġew finalment konklużi.

Inkun grat jekk inti tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.".

Għandi l-unur nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,